Qorti ta' l-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell Civili numru:- 634/2012/1

**Customs & Freight Agency Limited (C 17475) (appellanti)**

**vs**

**3 Bees Joint Venture (appellata)**

20 ta' Ottubru 2017.

**Il-Qorti:**

Rat **l-Avviz tas-socjeta' Customs & Freight Agency Limited tat-12 ta' Settembru 2012 quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar** permezz ta' liema ppremettiet illi: (i) fis-sena 2010 hija pprovdiet servizzi ta' trasport lill-intrapriza ntimata u dan kif giet mitluba u nkarigata taghmel minn dik l-istess intrapriza; (ii) il-prezz ta' servizzi rezi huwa ta' tlett elef seba' mija u sbatax-il ewro (€3,717) kif indikat fil-fattura annessa mal-Avviz u datata 26 ta' Awissu 2010; (iii) fit-23 ta' Mejju 2011 l-intimata ghamlet hlas akkont ta' din il-fattura fl-ammont ta' €2,000 u ghalhekk il-bilanc dovut mill-intimata favur is-socjeta' rikorrenti huwa ta' €1,717; (iv) ghalkemm l-intimata giet interpellata diversi drabi, kemm verbalment u kemm bil-miktub, sabiex thallas id-debitu dovut, dan il-kreditu sa llum baqa' ma thallasx. Is-socjeta' attrici talbet ghalhekk lit-Tribunal sabiex: 1. Jiddikjara li l-intrapriza ntimata hija debitrici tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' elf seba' mija u sbatax-il ewro (€1,717); u 2. Jikkundannaha thallas l-imsemmi ammont ta' €1,717 dovuta lis-socjeta' attrici ghal servizzi ta' trasport li pprovdiet lill-istess intimata. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 828/12 u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data tas-servizzi rezi.

Rat ir-**Risposta tal-intrapriza konvenuta tas-16 ta' Novembru 2012**[1] li permezz taghha eccepiet illi: (i) preliminarjament, l-ammont mitlub huwa preskritt bid-dekors ta' sena ai termini tal-Artikolu 2147 (d) tal-Kap 16; u (ii) f'kull kaz, l-ebda ammont m'hu dovut minnha lis-socjeta' attrici.

[1] Fol 14 -15.

Rat il-**verbal tat-22 ta' Frar 2013 quddiem it-Tribunal**[2] li fih l-intrapriza ntimata rtirat l-eccezzjoni preliminari taghha dwar il-preskrizzjoni.

Rat ir-**Risposta ulterjuri tal-intrapriza ntimata tas-16 ta' Lulju 2014**[3] li permezz taghha hija eccepiet (i) id-dekadenza tal-azzjoni attrici bid-dekors ta' sena ai termini tal-artikolu 544 (a) u (e) tal-Kodici tal-Kummerc; u (ii) id-dekadenza tal-azzjoni attrici bid-dekors ta' sena ai termini tal-artikolu 32 (1) tal-Konvenzjoni dwar il-Kuntratt ghall-Garr Stradali Internazzjonali ta' Merkanzija;

Rat **is-sentenza tat-Tribunal tal-25 ta' Marzu 2015** li laqghet l-eccezzjonijiet tal-intimata fil-mertu u cahdet it-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra taghha.

Is-socjeta' attrici appellat mis-sentenza u l-intimata wiegbet[4]. Waqt is-seduta tal-10 ta' Marzu 2017 dehru d-difensuri tal-partijiet u ddikjaraw li ma kellhomx xi jzidu ma' dak li kien hemm fl-atti u l-appell seta' jigi differit ghas-sentenza.

Il-Qorti qrat l-atti.

**Osservazzjoni**

Ghal kull buon fini l-Qorti tosserva li minkejja li l-appellata kienet ipprezentat twegiba ulterjuri b'eccezzjonijiet dwar id-dekadenza tal-azzjoni attrici, dawn imkien ma ssemmew fis-sentenza u ma nghatat ebda decizjoni dwarhom. Pero' fir-rikors tal-appell ma saret ebda referenza ghal dan in-nuqqas.

**FATTI**

i. Is-socjeta' appellanti tmexxi negozju ta' trasport minn pajjizi ohra lejn Malta u l-appellata kienet wahda mill-klijenti taghha;

ii. Fost is-servizzi mitluba lis-socjeta' appellanti kien hemm dak ta' trasport ta' oggetti relatati mal-kostruzzjoni, mill-Italja lejn Malta;

iii. Fil-kaz tal-lum, l-appellata kienet ordnat katusi tal-*fibre glass* minghand ditta Taljana, liema konsenja ngiebet lejn Malta mis-socjeta' appellanti imqassma fi tnax il-*trailer* li gew f'perjodu ta' circa hames xhur;

iv. Ghal dawn it-tragitti nhargu diversi fatturi mis-socjeta' appellanti li uhud minnhom

[2] Fol 62.

[3] Fol 114 et seq.

[4] Fol 28 et seq.

huma prezentati in atti. Il-fatturi kollha thallsu mill-intrapriza ntimata ghajr ghal bilanc ta' wahda minnhom – **<u>Fattura Nru CFA1207/10 (Ref CFA 240/10) - ghas-somma totali ta' €3,717 li minnha l-intrapriza ntimata kienet ghamlet hlas akkont ta' €2,000</u>**[5];

v. Is-socjeta' appellanti ntavolat il-proceduri odjerni ghall-hlas tal-bilanc rimanenti ta' €1,717.00;

vi. Id-difiza tal-intrapriza appellata kienet li dan il-bilanc mhux dovut lis-socjeta' appellanti ghax il-konsenja in kwistjoni ngiebet f'Malta f'zewg *trailers* meta setat facilment tghabbiet fi *trailer* wiehed. Hija argumentat li la l-arrangament dwar il-kwantita' ta' *trailers* mehtiega ghall-garr tal-merkanzija kien jispetta lis-*supplier* flimkien mas-socjeta' appellanti, u la dak li gara ma kienx nuqqas taghha, hija m'ghandiex thallas ghal dawn iz-zewg *trailers* shah. Qalet li la diga' accettat u hallset ghal trailer u nofs[6] bis-somma ta' €2,000, ma fadlilha ebda hlas x'taghti lis-socjeta' appellanti.

viii. It-Tribunal laqa' d-difiza tal-intimata u kkonkluda li kienet responsabbilta' tas-socjeta' appellanti li flimkien mas-*supplier* Taljan li tiddelibera kemm kien hemm bzonn *trailers* biex tingieb il-merkanzija u li f'din il-materja ma dahlitx is-socjeta' konvenuta. Ghaldaqstant it-Tribunal iddecieda li l-intrapriza appellata ma kelliex thallas ghall-izbalji li setghu hadu s-socjeta' appellanti jew is-*supplier* esteru fil-kwantita' ta' *trailers* li huma dehrilhom mehtiega biex titwassal il-konsenja f'Malta.

**AGGRAVJI**

L-aggravji tas-socjeta' appellanti huma li t-Tribunal:-

1. Nuqqas assolut ta' konsiderazzjoni tan-natura legali u r-rwol tas-socjeta' appellanti bhala trasportatur *sic et simpliciter;*
2. Applikazzjoni hazina tal-ligi f'dak li jirrigwarda obbligi ta' garr u merkanzija;
3. Nuqqas assolut ta' gustifikazzjoni ghall-ammont imnaqqas mis-socjeta' appellata;
4. Nuqqas totali ta' konsiderazzjoni ta' l-import tal-hlas akkont effetwat mis-socjeta' appellata;
5. Nuqqas ta' ekwita' fil-konsegwenzi tad-decizjoni tal-Ewwel Istanza.

**KONSIDERAZZJONI.**

Il-Qorti tibda billi tinnota li:

[5] Fol 32-33.

[6] Xhieda.

i. Il-ftehim bejn il-partijiet kien li l-hlas mill-intrapriza appellata jsir *"per trailer u mhux prezz ghal konsenja shiha*[7]*."* Infatti l-fatturi esibiti in atti fir-rigward ta' uhud minn dawn is-servizzi moghtija jirreferu ghal *trailers* individwali;

ii. L-*invoice* tas-26 t'Awissu 2010 li dwarha l-attrici pproponiet din il-kawza[8] torbot il-hlas mitlub ta' €3,717.00 mal-konsenja ta' *trailer* wiehed indikat bhala **"FULL TRAILER No. AF 41831 ARRIVING 26.08.10";**

ii. Iz-zewg *trailers* li fuqhom iffukaw il-maggor parti tal-provi u anke d-decizjoni nnifisha tat-Tribunal invece ghandhom in-numru **TR1200 u AE 54874 rispettivament** u waslu Malta fil-**21 ta' Gunju 2010** u mhux fis-26 t'Awissu 2010. Dan jirrizulta mill-*email* ezebita mill-appellata stess u li kienet intbaghtet mir-rapprezentant tal-appellanti lis-*supplier* Taljan fil-21 ta' Gunju 2010[9] meta dan kien ilmenta dwar il-fatt li dawn iz-zewg *trailers* kienu nofshom mimlijin u li dwarhom setghu jiffacjaw problemi ta' hlas mill-intrapriza appellata f'liema kaz is-socjeta' appellanti ndikat li kienet qed tirrizerva li ddur fuq is-*supplier* ghall-hlas;

iii. Mir-rendikont tal-hlasijiet li saru u li pprezentat l-appellata stess[10] jirrizulta wkoll li l-hlas ghat-trasport ta' dawn iz-zewg *trailers* partikolari li waslu f'Gunju diga' sar. Skont dawn id-dokumenti, il-fatturi rispettivi ghal dawn iz-zewg *trailers* huma ndikati bhala CFA 862.1 u CFA 863/10 u l-ammont taghhom huwa ta' €2537 kull *trailer*. **Il-hlas sar fit-12 t'Ottubru 2010**. B'din il-kawza l-attrici mhijiex titlob il-hlas dovut ghall-garr ta' dawk iz-zewg *trailers*.

iv. Anke jekk il-provi wrew li l-appellata kienet ilmentat mas-socjeta' appellanti dwar il-fatt li dawn iz-zewg *trailers* kienu nofshom vojta, la hija xorta finalment kienet ghazlet li thallashom, id-dizgwid dwarhom jieqaf hemm. Ma tistax issa bhala difiza f'din il-kawza l-appellata terga' tqajjem l-ilmenti fuqhom biex tipprova tevita t-talba ghall-hlas tal-bilanc rimanenti mitlub mis-socjeta' appellanti fir-rigward ta' *trailer* differenti bil-merkanzija li wasal Malta zmien wara;

v. Fid-dawl tas-suespost, la ma tressqet ebda prova li kien hemm xi problema bejn il-partijiet dwar l-*invoice* oggett tal-kawza, id-deliberazzjoni tat-Tribunal li kienet ir-responsabbilta' biss tas-socjeta' appellanti flimkien mas-*supplier* esteru li bejniethom jiddeliberaw dwar kemm hemm bzonn *trailers* biex fihom jingiebu l-konsenji hija rrilevanti ghall-mertu tal-kaz. Ghall-istess raguni, l-konkluzjoni tat-Tribunal li, a bazi ta' din il-

[7] Xhieda ta' Vince Borg, Direttur tal-intrapriza appellata a fol 92.

[8] Fol 2.

[9] Fol 74.

[10] Fol 77.

motivazzjoni, l-intrapriza appellata m'ghandha thallas xejn lis-socjeta' appellanti ma tghoddx ghax tizvija mill-binarji proprja tal-kaz.

vi. Il-mertu proprju tal-kaz infatti huwa wiehed dwar bilanc ta' hlas mitlub mis-socjeta' appellanti fir-rigward ta' fattura partikolari ghal *trailer* specifiku li wasal Malta f'data specifika, u l-provi tal-partjiet u d-decizjoni tat-Tribunal kellhom jiffukaw fuq dan.

**Fic-cirkustanzi, anke jekk mhux ghar-ragunijiet migjuba mis-socjeta' appellanti fl-aggravji taghha, il-Qorti tqis it-talba fl-appell ghar-revoka tas-sentenza appellata hi gustifikata. Ghalhekk *a tenur* tal-artikolu 8 (4) tal-Att dwar it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap 380 tal-Ligijiet ta' Malta) sejra thassar is-sentenza tat-Tribunal tal-25 ta' Marzu 2015 u taqta' t-talba hi principalment skont l-ekwita' kif jiddisponi l-artikolu 7 tal-Att.**

It-talba attrici hija ghall-hlas tas-somma ta' €1,717 bhala bilanc minn somma akbar ghal servizzi ta' trasport rezi lill-intrapriza intimata skont il-fattura datata 26 t'Awissu 2010 annessa mal-Avviz.

L-intrapriza ntimata ressqet l-eccezzjonijiet taghha inkluz dwar il-preskrizzjoni a tenur tal-artikolu 2147 (d) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalkemm din l-eccezzjoni giet sussegwentement irtirata, fis-16 ta' Lulju 2014 hija ressqet zewg eccezzjonijiet preliminari ulterjuri dwar id-dekadenza tal-azzjoni attrici a tenur tal-artikolu 544 (a) u (e) tal-Kodici tal-Kummerc u a tenur tal-artikolu 32 (1) tal-Konvenzjoni dwar il-Kuntratt ghall-Garr Stradali Internazzjonali ta' Merkanzija[11]. Madankollu fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha, l-intrapriza ddikjarat li hija kienet ser tibqa tinsisti biss fuq id-dekadenza ai termini tal-artikolu 544 (a) tal-Kodici tal-Kummerc[12].

In vista tal-fatt li min-natura taghha, jekk tintlaqa', tista' twaqqaf il-konsiderazzjonijiet tal-Qorti fil-mertu, sejra l-ewwel tigi trattata din l-eccezzjoni.

L-artikolu 544 (a) tal-Kap 13 jghid hekk -

*"L-azzjonijiet li ġejjin jaqgħu bil-preskrizzjoni kif sejjer jingħad hawn taħt:*

*(a) kull azzjoni għall-ħlas ta' nol, sena wara li jispiċċa l-vjaġġ;"*

Fl-ewwel lok il-Qorti tissottolinea li ghalkemm fl-artikolu 544 ta' dan l-Att il-ligi tuza t-terminologija "preskrizzjoni", it-terminu hemm prefiss huwa wiehed ta' dekadenza b'dana li d-dritt tal-azzjoni jintilef jekk il-kawza ma tigix prezentata fi zmien sena minn meta

---

[11] Fol 114. Dan wara li b'digriet moghti waqt is-seduta tal-15.7.2014 il-konvenuta giet awtorizzata taghti l-imsemmija eccezzjonijiet.

[12] Fol 125 et seq.

jintemm il-vjagg. Dan jirrizulta mill-artikolu 541 li jipprovdi hekk –

*"Iż-żminijiet kollha stabbiliti b'dispożizzjoni ta' dan il-Kodiċi għall-eżerċizzju ta' azzjonijiet jew regressi li ġejjin minn atti kummerċjali, huma perentorji; u l-benefiċċju tar-restitutio in integrum bis-saħħa ta' titolu, motiv jew privileġġ li jkun, ma jgħoddx."*

Fil-kaz **Dr Andrew Chetcuti Ganado et noe vs Gollcher Company Limited deciz fil-11 ta' Dicembru 2009**[13] inghad proprju hekk -

*"Dan l-artikolu (541) dejjem qajjem certa ncertezza dwar jekk l-perjodu ta' sena imsemmi fl-artikolu 544 ghandux jigi kunsidrat bhala terminu ta' preskrizzjoni u kwindi bid-dritt t'interruzzjoni ai termini tal-artikolu 2128 tal-Kap 16, kif qed isostni l-attur; jew jekk dan it-terminu huwiex wiehed ta' dekadenza b'mod li d-dritt ta' l-azzjoni jintilef kemm-il darba din ma tigix istitwita entro dak il-perjodu, kif qed isostnu l-konvenuti.*

[....]

*Din il-Qorti...hija tal-fehma li l-opinjoni espressa mill-Qorti ta' prima istanza fil-kawza fl-ismijiet*
*"**Joseph Petroni noe vs Joseph Zahra**", kif sussegwentement konfermata mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fis-sebgha (7) ta' Dicembru 1997 hija dik korretta.*

*Kif sewwa osservat l-Qorti tal-Appell "Ghalhekk, ghalkemm il-Kodici Kummercjali, fl-Artikoli ta' wara l-**art. 633 (541**) jsemmi "preskrizzjoni" din, minhabba l-art. **633 (541**) titqies preskrizzjoni perentorja, li ma tistax tkun hlief dekadenza, altrimenti kif osservat anke l-ewwel Qorti, l-art. 633 (541) jsir ghal kollox inutili, w interpretazzjoni li twassal ghas-superfluwita' ghandha tigi evitata."*

Il-qorti tosserva:

i. Hu evidenti li f'dan il-kaz it-trasport tal-merkanzija ma kienx kollu bil-bahar (ara per ezempju l-affidavit ta' Kevin Attard);
ii. Il-Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-sentenza **Alfred Grima nomine vs Saviour Mifsud nomine** tas-27 ta' Dicembru, 1991 qalet li l-preskrizzjoni fl-artikolu 544(a) tal-Kodici tal-Kummerc, *"hija mahsuba ghall-azzjonijiet konnessi mal-kuntratt ta' nolegg ta' bastiment.....".* F'dan ir-rigward il-qorti aghmlet riferenza ghall-artikolu 273 *("Il-kuntratt ta' nolegg huwa ftehim ghall-kiri ta' bastiment")* u l-artikolu 373 *("(1) L-ammont tan-nol jigi ippruvat bil-kuntratti ta' nolegg, jew bil-poloz ta' karigu")* tal-Kodici tal-Kummerc.
iii. F'dan il-kaz m'hemmx provi li kien hemm kuntratt ta' nolegg ta' bastiment bejn il-

[13] App Nru 214/08

kontendenti.

Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-qorti tikkonkludi li l-artikolu 544(a) tal-Kap. 13 ma japplikax ghall-kaz in ezami.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti:**

**1. Thassar is-sentenza tat-Tribunal tal-25 ta' Marzu 2015;**

**2. Tichad l-eccezzjoni tal-intimata dwar id-dekadenza tal-azzjoni attrici *ai termini* tal-artikolu 544 (a) tal-Kap 13;**

**3. Tichad l-eccezzjoni fil-meritu;**

**4. Tilqa' t-talba tas-socjeta attrici u tikkundanna lill-konvenuta thallasha s-somma ta' elf seba' mija u sbatax-il ewro (€1,717) u bl-imghax mis-26 ta' Settembru, 2010.**

**L-ispejjez taz-zewg istanzi huma a karigu tal-appellata.**

Anthony Ellul.